għalliem għandu jkun attent għal xi wħud li jipprovaw jgħaddu lit-tifel/tifla biż-żufjett u jieħu passi neċessarji, li jiddependu mill-età tat-tfal.

Jekk it-tifel/tifla jbati minn aċċessjonijiet tonic clonic, il-klassi tirrispondi skond l-imġiba kalma ta' l-għalliem. Kun ċert li t-tifel qiegħed 'il bogħod mill-periklu ta' xi ħaġa taqta', jew taħraq jew apparat bl-elettriku. Osserva dawn ir-regoli u ħalli l-aċċessjoni isseħħ weħidha.

1. Poġġi mhadda ( xi ġakketta mitwija) taħt ir-ras iżda tipprovax iżżomm il-movimenti tal-ġisem.
2. Qatt ma għandek tpoġġi xi ħaġa bejn is-snien.
3. Ħoll xi ħwejjeġ ma' l-għonq li jistgħu jkunu magħfusin.
4. Ma għandekx għalfejn iċċempel għal ambulanza jew tabib jekk ma tissuspettax (aċċessjoni twila aktar min-normal) 'status epilepticus'.
5. L-ewwel ċans li jkollok, dawwar lill-persuna fuq ġenbu/ha f'pożizzjoni ftit inklinata biex tgħinu/ha jieħu n-nifs u jiġi f'tiegħu. Imsaħ xi bżieq minn mal-ħalq.
6. Wara li tistejqer, il-persuna tkun xi ftit konfuża - jekk tista' oqgħod ftit magħha għall-wens.
7. Dejjem għandek tinforma l-ġenituri li t-tifel kellu aċċessjoni.

**Tifel li għandu l-epilessija jista' jipparteċipa fl-attivitajiet ta' l-iskola ?**

Id-deċiżjoni dejjem għandha tittieħed wara konsultazzjoni mal-ġenituri u t-tobba, iżda meta jiġi ristrett mill-attivitajiet ta' l-iskola it-tifel/tifla jista' jħossu, u jibda jħossu nferjuri u differenti. B'attenzjoni m'hemmx raġuni għaliex għandu jiġi eskluż ħlief forsi minn xi attività bħal jitla' ma' ħbula, jew slielem fil-ġim, jekk ikun jaghtih ta' spiss. L-għawn għandu jiġi nkoraġġit u m'għandux jikkawża problemi, sakemm dejjem ikun hemm xi ħadd fl-ilma li jista' jgħinu jekk ikun hemm bżonn. Fl-iskola m'għandhiex tingħibed attenzjoni speċjali lejn it-tifel/tifla bl-epilessija.

## CARITAS
## MALTA EPILEPSY ASSOCIATION

Caritas Malta Epilepsy Association ġiet imwaqqfa fl-1996, l-ewwel fi ħdan il-Caritas, bil-għajnuna ta' Dr Janet Mifsud PH.D. Din l-assoċjazzjoni kienet imwaqqfa bil-għan li tgħin lill-persuni li jbatu bil-kundizzjoni ta' l-epilessija u l-familji tagħhom. Dan isir billi l-ewwel ngħinuhom jaċċettaw din il-kundizzjoni, u b'hekk ikunu jistgħu jgħixu ħajja hienja u normali.

Fil-mument l-assoċjazzjoni għandha 'l fuq minn 200 membru, li minnhom xi 150 ibatu bl-epilessija. Huwa stmat li f'Malta u Għawdex hemm iktar minn tlett elef persuna li jbatu bl-epilessija. Il-grupp huwa membru ta' l-International Bureau of Epilepsy.

Darba fix-xahar ikollna laqgħa għall-membri. Nixtiequ navżaw li dak li jingħad fil-laqgħa jibqa' kunfidenzjali u m'għandux jingħad barra. Għal aktar informazzjoni tistgħu tikkuntatjaw lil:

**Caritas Malta**
**Epilepsy Association**

Tel: 233933 - 245358 - 2590 6600 - 3290 2845

CARITAS MALTA
EPILEPSY
ASSOCIATION
5 Lion Street, Floriana
Tel: 233913 - 245358

# L-EPILESSIJA: GWIDA GĦALL-GĦALLIEMA



EPILESSIJA INFORMAZZJONI

## EPILESSIJA
## GWIDA GĦALL-GĦALLIEMA

Din l-informazzjoni hija mmirata għal dawk l-għalliema tat-tfal u l-adoloxxenti li għandhom l-epilessija.

Minħabba li l-maġġoranza tat-tfal jieħdu l-edukazzjoni fi skejjel normali, il-probabbiltà hija li kull għalliem jiltaqa' ma' xi każ ta' epilessija fil-karriera tiegħu.

Il-ġenituri mhux dejjem jinformaw lill-iskola, u ħafna drabi jkun l-għalliem li jinduna l-ewwel li t-tifel/tifla jkollu l-epilessija. L-importanza tar-rwol ta' l-għalliema hi bla qies fl-għajnuna li jista' jagħti biex jgħin lill-persuna u lill-klassi kollha tifhem u taċċetta l-kundizzjoni.

**X'inhi l-Epilessija ?**
L-epilessija hija distruzzjoni fil-funzjoni elettrokimiku tal-moħħ li tista' taffettwa nies ta' kull età, intelliġenza jew klassi. L-epilessija mhix marda iżda tista' tkun sintomu ta' xi diżordni fiżika. Madanakollu, il-kaġun tagħha, speċjalment fit-tfal għandu mnejn ma jkollu ebda spjegazzjoni medika.

**Kif taffettwa t-tfal ?**
Tikkawża li t-tfal ikollhom aċċessjonijiet. Apparti minn hekk bi tmexxija sew fis-sitwazzjoni, l-epilessija ma għandhiex taffettwa lit-tfal b'ebda mod kemm id-dar kif ukoll l-iskola. Klassi tirreaġixxi skond ir-reazzjoni kalma ta' l-għalliem. Jekk dan ikun jaf kif għandu jimxi ma jkunx hemm la biża' u lanqas misthija. It-tip, numru u severità ta' l-aċċessjonijiet, ivarjaw bejn bniedem u ieħor u kull tifel/tifla jkollu/ha bżonn li jiġi mifhum individwalment.

**L-epilessija tista' tħassar jew tbiddel il-personalità ?**
Waħidha le, iżda l-kawża tad-diżordni tista' taffettwa f'ċertu każi. Fatturi oħra li jistgħu jaffettwaw l-iżvilupp huma: li t-tfal jitwarrbu, ma jifhmuhomx, ikunu protetti żżejjed, jew jistennew iżżejjed minnhom. Mhux tajjeb li tfissidhom fl-iskola jew fid-dar. Għandhom jiġu trattati bħat-tfal l-oħra. L-għalliem m'għandux jibża' li d-dixxiplina sejra tippreċipita xi attakk. Wieħed irid ikun attent għal xi possibilità ta' xi aċċessjoni li tkun għaddejja bla ma tiġi nnutata.

**Il-medikazzjoni x'tagħmel ?**
Id-disinn tal-mediċina huwa tali li jtella' l-kimika neċessarja biex tirreżisti xi stimulu ta' xi attakk ta' aċċessjoni. Tiġi forma ta' pilloli jew kapsuli u fil-każ tat-tfal żgħar forma ta' mistura. Fil-passat kienet tittieħed 4 darbiet kuljum. B'teknika moderna, illum tittieħed filgħodu u bil-lejl biss. Hi x'inhi l-preskrizzjoni, hija essenzjali li t-tfal jieħdu d-doża korretta fil-ħin korrett. Jekk ikun neċessarju li l-mediċina tittieħed l-iskola, jista' jkun li bil-misthija t-tfal irabbu stampa negattiva tagħhom infushom b'riżultati ta' nuqqas ta' potenzjal fil-futur. Għaldaqstant huwa mportanti li l-mediċina ma nagħtuhiex stampa kerha f'moħħhom.

Jekk it-tfal jiżdidilhom in-numru ta' aċċessjonijiet, jew jidhru reqdin, jew attivi żżejjed u mhux attenti, għandu mnejn li hemm bżonn tinbidel id-doża. Għalliem li jinnota dan għandu jkellem lill-ġenituri.

**Liema huma t-tipi ta' aċċessjonijiet l-iktar komuni?**
Tonic Clonic seizures (dawk l-aċċessjonijiet li ma jiqfux, jew jiġu waħda wara l-oħra), jafu jkunu tal-biża' għal min jarahom l-ewwel darba. It-tifel/tifla għandu mnejn jgħajjat xi għajta (effett fiżiku mhux minħabba biża' jew uġiegħ) u jaqa' ma' l-art. Il-muskoli jistiraw u jirrilassaw u jibdew movimenti konvulżivi qawwija. Bżieq mal-ħalq kultant bid-demm jekk jigdem ilsienu jew il-ġenb ta' ħalqu. Kultant jagħmel pipi taħtu.

Din it-tip ta' aċċessjoni tieħu bosa minuti, u wara, it-tfal jirkupraw is-sensi. Għandhom mnejn iħossuhom storduti jew mifxula għal xi minuti u kultant sigħat sħaħ. Forsi jkunu jridu jorqdu jew jistrieħu wara aċċessjoni. Għalkemm allarmanti għal min qed jaraha, din it-tip ta' aċċessjoni ma tagħmel ebda ħsara lit-tfal u mhix xi emerġenza medika, sakemm ma jkunux waħda wara l-oħra, jew t-tfal jibqgħu mitlufa minn sensihom. F'dan il-każ wieħed għandu jfittex għajnuna medika minnufih. Din il-kundizzjoni tissejjaħ 'status epilepticus'.

***Complex partial seizures*** **(aċċessjonijiet parzjali u komplessi)**
Dan it-tip iseħħ meta porzjoni biss tal-moħħ tiġi effettwata minn skariku eċċessiv ta' elettriku. Għandu mnejn ikun hemm movimenti involontarji bħal ċaqliq, tiġbid tal-ħwejjeġ u tfaqqigħ tax-xufftejn. It-tfal jidhru f'sensihom iżda la jitkellmu u lanqas jirrispondu ma jkunu jistgħu waqt din l-aċċessjoni.

***Absence seizure*** **(aċċessjonijiet b'nuqqas ta' preżenza)**
Dawn jistgħu jgħaddu bla ma ħadd jinduna, la ġenituri u lanqas għalliema. It-tifel/tifla jkun qisu fil-qamar u jiċċassa fil-vojt. Għandu mnejn ikun hemm teptip ta' l-għajnejn ta' sikwit. Barra minn dawn ma jkunx hemm sinjali esterni assoċjati ma' aċċessjonijiet *tonic clonic*. Għalkemm qsar, dawn il-perijodi li fihom iħossuhom imħawdin jistgħu jkunu ta' sikwit. Kif rajna, minħabba li f'dawn il-waqtiet, it-tfal ma jkunux jafu x'inhu għaddej madwarhom, u ma jirċievu la messaġġi viżwali u lanqas orali, dawn jistgħu jirriżultaw fi problemi ta' tagħlim, jekk ħadd ma jinduna bihom, u ma jiġux ittrattati.

Wieħed irid josserva l-aċċessjonijiet bil-kalma, u l-informazzjoni li jara jgħaddiha lit-tabib li rari jinżerta aċċessjoni waqt li qed jara t-tifel/tifla. Ko-operazzjoni bejn l-għalliema, il-ġenituri, is-servizz personali mediku ta' l-iskola u t-tabib tal-familja, tgħin biex it-tfal ma jsirux adulti ħandikappati.

**X'nagħmel jekk it-tifel/tifla jkollu aċċessjoni fil-klassi ?**
Ir-reazzjoni u l-kompetenza ta' l-għalliem fil-klassi hija ta' importanza kbira biex tifel b'aċċessjoni jiġi aċċettat minn sħabu. F'każ ta' aċċessjoni mingħajr konvulżjoni, kull ma hemm bżonn huwa li wieħed jifhem is-sitwazzjoni u jaċċettaha bħallikieku m'hu xejn. L-